**Qorti tal-Appell Kriminali**

**GĦAWDEX**

**Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 307 / 2023 / 1**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Peter Micallef**

**Illum 25 ta 'Marzu 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Peter Micallef, ta '53 sena, iben Victor u Innocenza nee 'Gauci, imwieled il-Pietà fit-30 ta 'Settembru 1969 u residenti fi Ta 'Luċ, Il-Ħbula, Limiti ta 'Dingli, Malta:

1. Fuq talba tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol qed tiġi akkużat fil-kapaċità tiegħek personali u/jew bħala Project Supervisor maħtur mill-klijent fis-sit ta' kostruzzjoni sitwat f'Villa San Anton, Triq Patri Albert Caruana kantuniera ma' Triq San Pietru, Għarb nhar l-**20 ta' Ottubru 2022** matul il-ġurnata u/jew fix-xhur ta' qabel inqast milli tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' Art 6 ta' A.L. 88/2018.

2. Akkużat wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi fil-kapaċità tiegħek ta' Project Supervisor inqast milli tikkordina l-implimentazzjoni tad-

dispożizzjonijiet rilevanti ta' A.L. 88/2018 sabiex tassigura li min jimpjega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għal rashom japplikaw il-prinċipji relevanti f'manjiera konsistenti u meta meħtieġ, isegwu l-pjan tas-saħħa u sigurtà u dan ai termini ta' Art. 5 (4) (d) ta' A.L. 88/2018.

3. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi nqast milli tobdi ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tal-21 ta' Ottubru 2022, biex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikolu 17 (1) ta' Att XXVII/2000 u Artikolu 38 (1) miżjuda skont il-verbal tal-20 ta' Lulju 2023.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-30 ta 'Novembru, 2023, fejn sabet lil **Peter Micallef** ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal multa ta' 'tlett elef Ewro (€3,000).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Peter Micallef preżentat fit-12 ta' Diċembru 2023.

Illi l-appellant hass ruħu ferm aggravat mis-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-umli appell għal konsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

L-aggravji tiegħu huma dawn li ġejjin:

**L-ewwel aggravju – l-ewwel Qorti żbaljat meta sabet lill-appellant ħati ta' l-ewwel u t-tieni akkużi**

Illi l-ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati ta' l-ewwel u tat-tieni akkużi dedotti fil-konfront tiegħu bl-unika raġuni tkun li l-appellant kien konxju min-nuqqas ta' railings

erbatax-il jum qabel l-ispezzjoni ta' l-uffiċjal ta' l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol peress li fis-6 t'Ottubru, 2022 kien għamel spezzjoni u bagħat ir-rapport dwarha lis-sid u lill-kuntrattur fil-11 ta' Ottubru, 2022. L-ewwel Qorti irraġunat li s-sid u l-kuntrattur ma aġixxewx b'mod immedjat u li, skontha, l-appellant hemm żbalja għaliex naqas minn dmiru li jassigura li l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigirtà fuq il-post tax-xogħol jiġu implimentati. Kien għalhekk li l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-appellant huwa ħati ta' l-ewwel żewġ akkużi;

Illi l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet lill-appellant ħati ta' l-ewwel żewġ akkużi u dan għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) l-appellant kien mar fuq is-sit in kwistjoni fis-6 ta' Ottubru, 2022 u fil-11 ta' Ottubru, 2022 huwa bagħat rapport tas-site visit tiegħu lis-sid u lill-kuntrattur bil-mezz ta' l-email fejn ġibdilhom l-attenzjoni għal biża' ta' waqat mill-għoli. Ma għandux ikun hemm dubbju li f'dan ir-rigward huwa kien qiegħed iwettaq ix-xogħol u l-funzjoni tiegħu kif imiss. Is-sid, Anthony Grech, xehed li l-appellant mhux biss kien jibgħatlu ir-rapport email u li r-rapport anness magħha jinkludi numru ta' ritratti u struzzjonijiet x'għandu jsir, imma kien ukoll jiġbidlu l-attenzjoni għan-nuqqasijiet li jsib fuq is-sit permezz ta' telefonata. Is-sid xehed ukoll li huwa kien konsapevoli tal-fatt illi l-appellant ma kienx jinforma lilu biss bin-nuqqasijiet li kien isib fuq is-sit u b'dak li kien hemm bżonn li jsir imma kien ukoll iċempel lill-kuntrattur u jgħidlu biex jagħmel dak li jkun hemm bżonn, inkluż li jwaħħal ir-railings. Fil-liġi ma hemm xejn li jgħid kemm-il site visit għandha ssir mill-project supervisor, meta għandhom isiru s-site visits, fi x'ħin għandhom isiru s-site visits, jekk jinstab xi nuqqas x'passi għandu jsegwi l-project supervisor u x'obbligi jkollu. Mhux biss ma hemmx liġi li tipprovdi fir-rigward iżda lanqas l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, tul is-snin li ilha mwaqqfa, qatt ma pprovdiet linji gwida jew regolamenti fir-rigward.

Issa, f'każ ta' nuqqas kbir bħal ma huwa dan u lacuna bħal din, ma tistax l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol tipprosegwixxi għal reati project supervisor għal aġir li minn imkien ma jirriżulta li jista' jikkostitwixxi reat. Hija l-umli fehma ta' l-appellant illi dak li għamlet l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol huwa li qegħda tagħmel prosekuzzjoni u tippunixxi bħala reat aġir li la mil-liġi ma jirriżulta li huwa aġir kriminuż u wiżq anqas min xi linji gwida maħruġin mill-istess Awtorità;

(b) l-appellant qeda d-dmir tiegħu, skond ma jitwettaq tali dmir mill-professjoni partikolari tiegħu, billi għamel rapport bil-miktub tan-nuqqasijiet li sab u b'dan avża kemm lis-sid kif ukoll lill-kuntrattur. Avżahom bil-miktub u avżahom verbalment ukoll. Ikkuntattjohom anke verbalment biex iwissihom biex jgħamlu r-railings u jaċċerta ruħhu li dawn kienu konsapevoli tal-kontenut tar-rapport u li kienu irċevewh. Ma kienx jispetta lilu li fiżikament iwaħħal ir-railings, u s'hawn l-ewwel Qorti qablet mas-sottomissjonijiet li għamel l-esponenti. Ir-responsabbilità finali biex dak li ġie rilevat u ordnat bħala xogħolijiet rimedjali mill-project supervisor jiġi mwettaq ma taqax fuqu iżda taqa' fuq il-klijent ossija s-sid;

Ir-regolament 8 ta' l-Avviż Legali 88/2018 jipprovdi hekk:

> *8. (1) Meta l-klijent jaħtar supervisor tal-proġett biex jaqdi d-dmirijiet riferiti fir-regolament 5, dan ma jeħlisx lill-klijent mir-responsabbilitajiet tiegħu f' dak ir-rigward.*
>
> *(2) L-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti ma għandux jaffettwa l-prinċipju tar-responsabbilità ta' min iħaddem kif provdut fl-Att jew fil-leġislazzjoni sussidjarja.*

*(3) Biex tiġi osservata s-saħħa u sigurtà fuq is-sit tal-kostruzzjoni, il-klijent għandu jieħu in konsiderazzjoni kull rapport bil-miktub mogħtija mis-supervisor tal-proġett, u għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li dawk responsabbli jirrispettaw l-obbligi tagħhom fil-limiti tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.*

*(4) Sabiex tiġi osservata s-saħħa u sigurtà fuq is-sit tal-kostruzzjoni, il-klijent għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.*

L-artikolu 10 (b) u (ċ) ta' l-Avviż Legali 88 tas-sena 2018 ikompli jemfasizza l-obbligu tal-kuntrattur fejn jipprovdi hekk:

*10. Sabiex ikunu ppreservati s-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit tal-kostruzzjoni, il-kuntratturi għandhom:*

*[…]*

*(b) […] jieħdu l-miżuri li jkunu jaqblu mal-bżonnijiet minimi stabbiliti fl-Iskeda IV*

*(ċ) jieħdu in konsiderazzjoni d-direzzjonijiet mis-supervisor tal-proġett dwar dak li għandu x'jaqsam mas-saħħau sigurtà*

U skond l-iSkeda IV, Sezzjoni II, annessa ma' l-Avviż Legali 88 tas-sena 2018, dawn huma l-bżonnijiet minimi li jrid jieħu ħsieb il-kuntrattur:

*5.4 Ilqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjon igħandu jiġi mwaħħal madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali, jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskju mill-għarqa jew korriment serju.*

(c) Mingħajr preġudizzju, l-ewwel Qorti rriteniet li bejn meta l-appellant induna li kien hemm nuqqas ta' *railings* (fis-6 ta' Ottubru, 2022) sa dakinhar li saret l-ispezzjoni (20 ta' Ottubru, 2022) għaddew erbatax-il ġurnata mingħajr ma ttieħdu xi passi mill-appellant biex jiżgura li r-railings jitwaħħlu. L-ewwel Qorti żbaljat. Fl-atti ma hemm l-ebda prova ta' dak li seta' ġara bejn is-6 ta' Ottubru, 2022 u l-20 ta' Ottubru, 2022. Ma hemm l-ebda prova li verament tindika li r-railings ma twaħħlux. Jista' jkun li twaħħlu u reġgħu inqalgħu. L-ewwel Qorti assumiet xi ħaġa li ma rriżultatx mill-provi u bir-rispett kollu fi proċeduri bħal dawn ma hemmx lok li jsiru tali assunzjonijiet. Ippreżumiet kontinwità meta ma kien hemm l-ebda prova f'dan is-sens. Għalhekk hija l-umli sottomissjoni ta' l-esponenti li l-ewwel Qorti żbaljat meta assumiet x'kienet is-sitwazzjoni fattwali bejn iż-żewġ dati indikati, meta ma kien hemm l-ebda prova fir-rigward, b'mod li waslet biex imputat ħtija kriminali fl-appellant;

(d) mingħajr preġudizzju, anke jekk din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx, u jidhrilha li l-ewwel Qorti għamlet sew li assumiet dak li mill-atti ma rriżultax, xorta waħda ma kien hemm l-ebda bażi li l-appellant jinstab ħati. Jekk huwa ġibed l-attenzjoni dwar in-nuqqasijiet kemm lis-sid kif ukoll lill-kuntrattur u dawn baqgħu passivi għal perjodu ta' erbatax-il ġurnata dan ma jfissirx li l-passività tagħhom li jieħdu l-passi rimedjali indikati lilhom mill-project supervisor tissarraf f'responsabbilità kriminali fil-project supervisor. Semmai għandha tfisser li s-sid u l-kuntrattur, jew min minnhom, naqsu b'mod protratt fuq numru ta' ġranet milli jgħamlu dak li huma tenuti li jgħamlu bil-liġi u li inġibditilhom l-attenzjoni b'mod debitu li kellhom jgħamluh u għalhekk semmai il-proċeduri penali kellhom jittieħdu fil-konfront tagħhom. Bir-rispett kollu dovut, hemm ironija kbira fil-proċeduri odjerni meħuda

fuq istanza ta' l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol billi lill-appellant, li huwa l-persuna li ġibed l-attenzjoni għan-nuqqasijiet ta' railings riskontrati minnu u li talab li jittieħdu l-passi rimedjali, inħarġu l-akkużi kontra tiegħu iżda lill-persuni li bil-liġi huma obbligati li jieħdu ħsieb li ma jkunx hemm tali nuqqasijiet u li tali nuqqasijiet jiġu rettifikati minnhom stess fil-kapaċità rispettiva tagħhom, ma nħarġu lilhom l-ebda akkużi. L-appellant ġibed l-attenzjoni għan-nuqqasijiet u aċċerta ruħhu li l-istruzzjonijiet tiegħu waslu għand min seta' jieħu azzjoni. Ma bagħatx biss email, imma bagħat rapport bir-ritratti u bl-istruzzjonijiet x'kellu jsir u anke tagħhom struzzjonijiet telefonikament u aċċerta li r-rapport wasal. Is-sid u l-kuntrattur, li ex admisses għandhom l-obbligu li fiżikament iwaħħlu r-railings, ma għamlu xejn. L-appellant ġie akkużat u nstab ħati. Is-sid u l-kuntrattur lanqas biss ġew akkużati. Hija din il-ġustizzja? Huwa dan il-mod kif l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol tissalvagwardja tali saħħa u sigurtà? Semmai, anke jekk din l-Onorabbli Qorti taqbel mal-fatti kif stabbiliti mill-ewwel Qorti, il-passività tas-sid u tal-kuntrattur ma tfissirx li l-esponenti huwa ħati ta' xi aġir kriminuż iżda li s-sid u l-kuntrattur naqsu milli josservaw dmirijiethom skond il-liġi u jekk kellu jitressaq xi ħadd il-Qorti kienu huma mhux l-appellant! Biex isir paragun, jekk tabib jordna pilloli lil persuna u din tonqos milli toħodhom, għandu responsabbilità (jew responsabbilità kriminali) t-tabib? Kuntrarjament għal dak li rriteniet l-ewwel Qorti, l-appellant ma naqasx iżda jekk kien hemm xi ħadd li naqas dawn kienu s-sid u l-kuntrattur li – jekk ser jingħad li n-narrazzjoni tal-fatti magħmula mill-ewwel Qorti hija korretta – ma ottemperawx rwieħhom ma' l-obbligi legali imposti fuqhom. B'kull dovut rispett, is-sid għandu r-responabbilità legali tinkombi fuqu u għandu r-relazzjoni ġuridika biex jagħti struzzjonijiet lill-kuntrattur biex jara li dak li għandu jsir, attwalment isir, u l-kuntrattur għandu obbligu li jissalvaggwardja lill-ħaddiema tiegħu, u jekk dawn kienu infurmati b'dan in-nuqqas u ingħataw struzzjoni biex jieħdu azzjoni, kif fil-fatt għamel l-appellant fil-każ odjern, ma għandux jerfa' r-responsabbilità tagħom il-project supervisor;

(e) is-sentenza ċitata mill-prosekutur fit-trattazzjoni tiegħu u fis-sentenza appellata fl-ismijiet "**Il-Pulizija v. Mark Putzulu Caruana**" (deċiża fil-11 ta' Jannar 2010) ittieħdet għal kollox out of context billi l-fatti ta' dak il-każ partikolari kienu differenti mill-fatti tal-każ odjern. Huwa għalhekk li ċertu paraguni huma odjużi.

F'dak il-każ irriżulta li l-akkużat ma kienx jikkomunika la mas-sid u lanqas mal-kuntrattur, tant li l-Qorti ta' l-Appell tagħtu ċamata li messu kien jikkomunika kemm mas-sid u anke mal-kuntrattur, peress li s-sid kien fl-interess tiegħu li r-regolamenti jiġu mħarsa u l-kuntrattur li kellu d-dmir li jħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tiegħu. Fil-każ odjern, kuntrarjament għas-sentenza ċitata, l-appellant ikkomunika kemm mas-sid kif ukoll mal-kuntrattur u l-komunikazzjoni saret kemm permezz ta' email, permezz ta' rapport grafiku b'numru ta' ritratti u struzzjonijiet ta' x'kellu jsir, kif ukoll fuq telefonata. Ikkomunika dwar in-nuqqas ta' railings li finalment kien in-nuqqas li wassal għall-akkużi odjerni. Għalhekk l-appellant ma naqasx kif ingħad fil-każ hawn imsemmi. Il-bran relevanti fejn il-Qorti ta' l-Appell tat tort lil Mark Putzulu Caruana talli ma kkomunikax mas-sid u mal-kuntrattur huwa dan li ġej:

5. Illi f'ebda wahda minn dawn l-emails ma jirrizulta li l-appellat ikkomunika mal-klijent, ghan-nom ta' min l-appellat kien qed jagixxi. Kien ikun ferm aktar sensat li l-komunikazzjonijiet mehtiega ikunu saru mal-klijent peress illi kien fl-interess tal-klijent illi dawn ir-regolamenti jigu mharsa w wisq anqas lill-kuntrattur li kellu d-dmir li jhares is-sahha w is-sigurta' tal-haddiema tieghu fuq il-post tax-xoghol. Izda l-unika emails li saru mill-appellat saru biss lill-"works manager" li r-rwol tieghu huwa biss li jimxi skond il-pjanti li jkollu. Iktar importanti minn hekk pero' huwa l-fatt li l-kontenut ta' dawn l-emails ma jistax jitqies bhala prova sufficjenti ta' koordinazzjoni effettiva skond ir-regolamenti ndikati fl-akkuzi;

6. Jinghad ukoll li jekk sehhu xi spezzjonijiet mill-appellat tul ix-xhur kollu li matulu sehh il-bini, qatt ma ngibdet l-attenzjoni tal-klijent jew ossia l-kuntrattur minnu dwar

l-ezistenza ta' numru konsiderevoli ta' nuqqasijiet partikolarment ta' perikoli ta' waqqat mill-gholi.

Barra minn hekk, l-appellant jirrileva wkoll li huwa ma kienx jikkordina biss bil-mezz ta' l-email kif jidher li kienet il-problema fil-fatti tal-każ ta' Marco Putzulu Caruana. L-esponenti kien imur fuq is-sit jagħmel il-verifiki tiegħu u jieħu r-ritratti tal-istat tas-sit, u sussegwentament, kien jibgħat email u anness magħha kien ukoll jibgħat rapport fejn jindika n-nuqqasijiet u jirrakkomanda xi jrid isir. Ma kinitx tintbagħat sempliċiment email, bħal ma kien isir fil-każ ċitat, imma kienet tintbagħat email b'rapport anness magħha li juri l-evidenza kollha, inkluż evidenza viżwali ta' dak li jkun sab l-appellant fuq is-sit inkluż numru ta' rakomandazzjonijiet. L-email u r-rapporti tal-appellant kienu jiġu komunikati bil-miktub kemm lis-sid, kif ukoll lill-kuntrattur, ħaġa li ma kinitx issir fil-każ ċitat. L-appellant ma kienx jikkomunika biss permezz ta' email imma kien jikkomunika wkoll mas-sid u mal-kuntrattur verbalment/telefonikament biex jagħtihom struzzjonijiet biex in-nuqqasijiet li jkun irriskontra jiġu indirizzati. Huwa ma seta' jagħmel xejn iktar milli dak li fil-fatt għamel. Bħala project supervisor ma għandux poteri eżekuttivi. Fil-fatt, l-appellant ma għamel xejn anqas minn dak li għamlet l-istess Awtorità, li marret fuq is-sit, ikkomunikat ma' l-appellant darba biss permezz ta' email u talbet li tittieħed azzjoni. Bid-differenza li l-Awtorità għandha poteri eżekuttivi u l-project supervisor ma għandux poteri eżekuttivi. B'hekk hija l-umli fehma ta' l-appellant li huwa ma naqas bl-ebda mod mid-dmirijiet impost fuqu mil-liġi;

(f) finalment punt tekniku: l-ewwel akkuża tindika li r-reat hemm imsemmi allegatament seħħ fl-20 ta' Ottubru, 2022 "matul il-ġurnata u/jew fix-xhur ta' qabel" u l-akkużi l-oħra "fl-istess żminijiet". L-ebda reat ma seħħ fl-20 ta' Ottubru, 2022 billi dakinhar is-sit ta' kostruzzjoni kien magħluq u ma kienx hemm ħaddiema u għalhekk ma kienx hemm lok li ssir l-ebda koordinazzjoni u l-ebda implimentazzjoni. L-ebda reat ma seħħ "fix-xhur ta' qabel" billi provi fir-rigward ma tressqux. Jekk verament ir-

reat seħħ fil-ġranet ta' wara s-6 ta' Ottubru, 2022 kif irriteniet l-ewwel Qorti, l-appellant ma kellux jinstab ħati għaliex akkuża fuq dawk il-ġranet ma kienx hemm;

Illi għalhekk hija l-umli fehma ta' l-appellant illi huwa ma kellux jinstab ħati ta' l-ewwel u t-tieni akkużi;

**It-tieni aggravju – l-ewwel Qorti żbaljat meta sabet lill-appellant ħati tat-tielet akkuża**

Illi t-tielet akkuża dedotta fil-konfront ta' l-appellant hija fis-sens li huwa naqas milli jobdi l-ordni mogħtija bil-miktub fil-21 ta' Ottubru, 2022 biex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol bi ksur ta' l-artikoli 17 (1) u 38 (1) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-ewwel Qorti żbaljat bl-aktar mod assolut meta sabet lill-appellant ħati ta' din l-akkuża u dan għal diversi raġunijiet li ser jiġu elenkati u spjegati hawn taħt:

(a) Fl-ewwel lok, il-parti ta' l-email ta' l-uffiċjal ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol tal-21 ta' Ottubru, 2022 li għaliha tirreferi din l-akkuża – ossija l-parti fejn l-appellanti intalab jikkomunika ma' l-imsemmija uffiċjal fi żmien ħamest'ijiem ta' xogħol of service of this letter – ma kenitx tikkontjeni u ma kenitx tikkostitwixxi ordni ai termini ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta;

L-artikolu 17 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem dwar ordnijiet li jistgħu jingħataw minn uffiċjal ta' l-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, kemm verbalment kif ukoll bil-miktub, biex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. L-artikolu 17 (2) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li uffiċjal jista'

jordna li post tax-xogħol jiġi imbarrat. L-artikolu 17 (3) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li uffiċjal jgħid li meta uffiċjal jagħmel ordni bil-miktub skond dak l-artikolu, huwa jista' jwaħħal kopja tiegħu fil-post tax-xogħol u ħadd ħlief dak l-uffiċjal ma jista' jaqilgħu jekk mhux uffiċjal jew bil-permess ta' uffiċjal. Imbagħad l-artikolu 17 (4) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li meta uffiċjal jagħmel ordni bil-miktub skond dak l-artikolu, min iħaddem jew il-persuna inkarigata mix-xogħol għandhom iwaħħlu kopja tiegħu fil-post tax-xogħol fejn x'aktarx jiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiema;

Il-liġi tirreferi għal dawk l-ordinijiet mogħtija biex jissalvagwardjaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Il-liġi ma tirreferix għal kwalunkwe ordnijiet. Inoltre, minn qari sewwa tal-liġi għandu jirriżulta li l-ordinijiet in kwistjoni għandhom ikunu prettament relatati max-xogħolijiet peress li kieku l-liġi ma timponix l-obbligu fuq min iħaddem u l-persuna inkarigata mix-xogħolijiet li jwaħħlu kopja ta' l-ordni fil-post tax-xogħol fejn x'aktarx jiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiema (ex-artikolu 17 (4) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta);

Fil-każ in eżami, l-email li bagħtet l-uffiċjal ta' l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kien jitlob lill-appellant biex jikkuntattjaha fi żmien ħamest'ijiem ta' xogħol of service of this letter bil-għan li ssir laqgħa. L-uffiċjal xehdet hekk dwar l-għan ta' tali laqgħa:

[…] kif ukoll biex jattendi meeting l-Awtorità biex jien nista' nagħmillu iżjed domandi fuq in-nuqqasijiet li jien sibt on site. Hawnhekk jien tajt id-dritt ta' avukat kif ukoll hu jiġi għall-meeting.

Minn dan huwa ċar li l-iskop jew għan ma kienx li tiġi salvagwardjata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol bħal per eżempju ordni biex jitwaħħlu r-railings jew li

jitwaqqfu x-xogħolijiet jew li sit jiġi imbarrat sakemm isiru x-xogħolijiet rimedjali. Għal kuntrarju huwa ċar kristallin u hekk irriżulta quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti li fil-waqt li l-ewwel parti ta' l-email in kwistjoni kien fiha ordni biex tiġi salvagwardjata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol in kwantu ġew ordnati xogħolijiet rimedjali, it-tieni parti ta' l-email intbagħatet biex l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol twettaq il-mansjoni investigattiva tagħha u eventwalment prosekutorjali tagħha. Dan tant huwa minnu li l-appellant ingħata d-dritt ta' l-avukat fit-termini li ġejjin:

> *You may also wish to note that since OHSA investigations may bring about a consequence of criminal liability, in this respect you have the right to consult with a lawyer of your trust, which lawyer may at your discretion be present and assist you during the meeting/interview.*

B'hekk huwa altru milli ċar li hawn l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ma kenitx qegħda tagħti xi ordni biex tiġi salvagwardjata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol iżda kienet qegħda tiżvolġi l-mansjoni investigattiva tagħha – biex jien nista' nagħmillu iżjed domandi – bid-dritt ta' l-avukat b'kollox. Kuntrarjament għal dak ritenut mill-ewwel Qorti, il-laqgħa ma ssejħitx sabiex jiġu diskussi l-passi meħtieġa sabiex jiġu salvagwardjati s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Huwa għalhekk li fl-ewwel lok u qabel kollox, l-appellant jissottometti li l-email tal-21 ta' Ottubru, 2022 ma kenitx tikkontjeni u ma kenitx tikkostitwixxi ordni ai termini ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Fit-tieni lok u in vista ta' dak hawn fuq suespost, hija l-umli fehma ta' l-appellant li bit-tielet akkuża kif dedotta u bis-sejbien ta' ħtija ta' l-ewwel Qorti inħoloq reat fejn il-liġi speċjali in kwistjoni ma tikkontempla l-ebda reat. Fejn il-liġi riedet li n-nuqqas ta' ubbidjenza ta' ordni jikkostitwixxi reat punibbli b'sanzjoni kriminali ipprovdiet hekk speċifikatament. Hekk, per eżempju, l-artikolu 355AD tal-Kap. 9 tal-

Liġijiet ta' Malta jikkontempla l-każ fejn persuna tintalab li tmur l-Għassa tal-Pulizija, tiġi infurmata bil-miktub bis-sanzjonijiet jekk ma tobdix u tibqa' ma tobdix f'liema każ tkun ikkommettiet kontravvenzjoni. Dak l-artikolu jipprovdi dan li ġej:

> *(3) Il-Pulizija tista, bil-fomm jew b'avviż bil-miktub, teħtieġ lil xi persuna li tattendi l-Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li tindikalha sabiex hemm tagħti dak it-tagħrif u ġġib magħha dawk id-dokumenti li l-Pulizija jistgħu jinħtieġu u jekk dik il-persuna hekk tattendi fl-Għassa tal-Pulizija jew post lilha indikat hija għandha titqies bħala li tkun attendiet dik l-Għassa tal-Pulizija jew post ieħor volontarjament. L-avviż bil-miktub imsemmi f'dan is-subartikolu għandu jkun fih twissija dwar il-konsegwenzi li n-nuqqas ta' tħaris iġib miegħu, kif jinsabu msemmija fis-subartikolu (5).*
>
> *[…]*
>
> *(5) Persuna li tonqos milli tħares xi avviż bil-miktub bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (3) jew li tonqos, meta tkun hekk ġiet mitluba, ukoll jekk biss bil-fomm, li tmur minn jeddha ma' uffiċjal tal-Pulizija f'xi Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li jindikalha l-uffiċjal tal-Pulizija għal xi għan imsemmi fis-subartikolu (3) msemmi, tkun ħatja ta' kontravvenzjoni punibbli b'detenzjoni u tkun tista' tiġi arrestata minnufih taħt mandat.*

Fejn il-liġi riedet tissanzjona d-diżubbidjenza lejn ordni mogħtija minn uffiċjal (f'dan il-każ uffiċjal tal-pulizija), il-liġi qalet hekk espressament. Ma jistax ikun li l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol hija mogħnija b'poter li għaliex persuna – dejjem skontha – ma tweġbilhiex email ikun qiegħed jwettaq reat ai termini ta' l-artikolu 38 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta. L-interpretazzjoni tal-liġi mogħtija

mill-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol hija waħda ħażina b'mod lampanti. Jekk il-fatt li persuna tonqos milli jattendi f'Għassa tal-Pulizija meta mitluba tagħmel hekk jikkostitwixxi kontravvenzjoni ma jistax ikun li n-nuqqas li jiġi imwieġeb email lill-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol jikkostitwixxi ta' portata aktar serja ta' reat. Fuq kollox, il-liġi ma tgħidx li għax persuna ma tweġibx email lill-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ikun ġie kommess reat punibbli possibilment b'sentenza ta' priġunerija u ladarba l-liġi ma tgħidx hekk, ma jista' qatt ikun li persuna tinstab ħatja ta' reat mhux kontemplat mil-liġi;

(c) Fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq espost, anke kieku din l-Onorabbli Qorti ma taqbel ma' xejn minn dak kollu hawn fuq sottomess u tasal għall-konklużjoni, bħall-ewwel Qorti, li jekk ma jweġibx email ta' l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ikun qiegħed jitwettaq reat, xorta waħda ma jirriżultax li l-prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi dwar it-tielet akkuża;

It-tieni parti ta' l-email in kwistjoni tal-21 ta' Ottubru, 2022 kien jagħti ħamest'ijiem tax-xogħol biex l-appellant jikkomunika ma' l-uffiċjal ta' l-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u dan it-terminu jgħaddi minn service of this letter. Issa hawn ma aħniex nitkelmu dwar ittra veru u proprja, kuntrarjament għal dak li hemm miktub, billi rriżulta li intbagħat email mhux ittra. Ma rriżultax meta dan l-email ġie riċevut mill-esponenti. L-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, tassumi li l-ħamest'ijiem ta' xogħol kienu bdew jiddekorru mid-data ta' l-email b'dan illi iżda però ma jingħadx hekk fl-istess email. Ma ġie ppruvat bl-ebda mod meta dan l-email ġie riċevut (served) lill-appellant u fin-nuqqas ta' tali prova mhuwiex leċitu li l-Qorti tassumi li ġie riċevut fl-istess data li ntbagħat l-email. Forsi hawn il-prosekuzzjoni tkun ittentata targumenta li email jiġi mibgħut instantanjament però fin-nuqqas ta' provi mhuwiex leċitu li tassumi. Inoltre, l-email intbagħat fuq email ġenerali "Info PM Safety" jew info@pmsafety.com.mt mil-liema email jidher li kkorrispondiet anke ċerta

Pauline Camilleri ma' l-uffiċjal ta' l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Jista' jkun ukoll li persuna ma tkunx xogħol jew ma jkollhiex aċċess kontinwu għal emails tax-xogħol. Għalhekk mhux safe to assume li li jintbagħat email fuq l-email address in kwistjoni ifisser li dak l-email ġie served dakinhar stess fuq l-appellant;

Inoltre, anke jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li l-appellant kien obbligat taħt piena ta' reat kriminali li jikkuntattja lill-uffiċjal ta' l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, huwa effettivament għamel hekk bl-email tiegħu tal-31 ta' Ottubru, 2022. L-appellant għamel kuntatt u kienet l-uffiċjal ta' l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol li naqset milli tagħtih appuntament biex jattendi l-uffiċju tagħha u minflok tali appuntament tagħtu t-tielet charge mertu ta' din il-kawża. Il-fatt li l-appellant ikkomunika ma' u kkuntattja lill-uffiċjal in kwistjoni kien biżżejjed biex jissoddisfa dak li hija kienet qegħda titlob minnu fit-tieni parti ta' l-email tagħha. Hija ma talbitux jissuġġerilha ġranet u ħinijiet u għalhekk jekk kien hemm xi nuqqas, in-nuqqas ċertament ma kienx ta' l-appellant u tali nuqqas kien ta' l-uffiċjal. Ma huwa xejn floku u xejn ortodoss li persuna tikkomunika normalment ma' uffiċjal u minflok ma l-uffiċjal jagħti appuntament b'suġġeriment ta' dati u ħinijiet, joħroġ akkużi kriminali kontra persuna li mhijiex kriminali. Dan mhuwiex il-mod kif Awtorità pubblika għandha topera;

B'żieda ma' dan kollu, l-email in kwistjoni intbagħat il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru, 2022. Ma hemmx prova meta ġie served u għalhekk ma jistax jingħad li l-appellant wieġeb meta t-terminu ta' ħamest'ijiem tax-xogħol mogħti lilu kien għadda. Però jekk jitqies li ġie served, riċevut jew moqri fil-ġurnata ta' xogħol li kienet tmiss wara ossija t-Tnejn 23 ta' Ottubru, 2022 meta intbagħat ir-remedial works report allura jiġi li l-ħamest'ijiem ta' xogħol jiskadu fil-31 ta' Ottubru, 2022 ossija d-data meta effettivament l-appellant ikkomunika b'email għal darba darbtejn ma' l-uffiċjal ta' l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

(d) fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq espost, dak pretiż mill-uffiċjal ta' l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol fix-xhieda tagħha – fejn xehdet illi Imma s-Sur Micallef qatt m'attenda l-meeting kif jien kont tlabtu, just irċevejt id-documentation biss – hija pożizzjoni għal kollox żbaljata u erronja billi hija ma tatx appuntament lill-appellant. Inoltre, mill-kontro-eżami tagħha jidher li ż-żamma ta' laqgħa kienet xi ħaġa fakultattiva billi xehdet Jien xorta tajtu dik il-fakoltà biex huwa jista' jikkuntattja lili biex jekk ikun hemm bżonn inkellmu. La ma kelmitux wara li kkuntattjaha dan juri li hija ma ħassitx il-bżonn li tkellmu u ċertament ma kienx hemm lok jew ġustifikazzjoni li tinħareġ it-tielet akkuża;

(e) Fil-ħames lok u finalment punt tekniku: l-ewwel akkuża tindika li r-reat hemm imsemmi allegatament seħħ fl-20 ta' Ottubru, 2022 "matul il-ġurnata u/jew fix-xhur ta' qabel" u l-akkużi l-oħra "*fl-istess żminijiet*". Issa, ir-reat maħsub fit-tielet akkuża ma seta' qatt sar fl-20 ta' Ottubru, 2022 jew fix-xhur ta' qabel billi jirreferi għal email u l-allegat ordni hemm kontenut datat 21 ta' Ottubru, 2022 jiġifieri fi żmien wara d-dati jew il-perjodi indikati fiċ-ċitazzjoni;

Illi għalhekk tħares minn fejn tħares l-appellant ma kellux jinstab ħati tat-tielet akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u huwa sottomess li din l-Onorabbli Qorti għandha tilliberah minnha;

Konklużjoni

Għaldaqstant l-appellant talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' dan l-appell, tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Peter Micallef</u>** deċiża fit-30 ta' Novembru, 2023 u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-kawża u dan fis-seduta tal- 21 ta' Frar 2024.

Rat li dan l-appell jinsab differit ghas-sentenza

**Ikkunsidrat,**

Illi ghalkemm mhux stipulat b'mod car, l-ewwel aggravju tal-appellant jidher li huwa konness u bbażat fuq apprezzament ħażin tal-provi mill-Ewwel Qorti fir-rigward l-ewwel u t-tieni akkuza I taghhom instab hati. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx legittimament u raġonevolment tasal għall-konkluzjonijiet li waslet għalihom fuq il-bazi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha u dan stante l-fatt li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-kaz tagħha 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Din il-Qorti hija Qorti ta 'revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Kif ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[1]

> *"hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta din il-Qorti (kemm fil-kaz ta appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll filkaz ta appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet***

[1] Appell Numru 141/2008 deciz nhar il-31 ta' Lulju, 2008.

***ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghallkonkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni*

(ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.1994]; "**Ir-Repubblika ta 'Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)[6]

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi għal dak li ngħad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[7]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)

*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone .*

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta 'Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta 'Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta 'Mejju, 1991.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta 'Mejju, 1991.
[6] Ara wkoll, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Diċembru 1994; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996;
[7] [1969] 1 QB 276.

*However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[8]

Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, diment li ma jkunx hemm raġuni valida. L-appellant jista 'ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xhieda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta 'din il-Qorti jibqa 'dak ta 'reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta ' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma 'l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċizjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha. U dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali *entro* l-parametri ta 'dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista 'tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża, bħal fil-każ in desamina;

**Ikkunsidrat:**

Irrizulta mill-provi illi f'Ottubru tal-2022 l-appellant Peter Micallef inghata inkarigu bhala "*Project Supervisor*" fuq projett ta' bini illi kien tielgha f'Gharb, Ghawdex.

Illi l-appellat fl-ewwel akkuza gie akkuzat talli fil-kapacita' personali tieghu ta' *project supervisor* naqas milli jiehu l-mizuri kollha mehtiega ghas-salvagwardja tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol billi naqas milli jiehu mizuri xierqa u sufficjenti sabiex jippreveni waqghat mill-gholi u dan ai termini ta' Artikolu 6 ta' A.L. 88/2018. Artikolu 6 ta' A.L. 88/2018 jew L.S. 424. 36 jistipula s-segwenti:

[8] Ara wkoll Blackstone's Criminal Practice (1991), p. 1392.

*'Is-supervisor tal-proġett għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.'*

Id-definizzjoni tal-kelma 'progett' f' L. S. 424.36 hija li '*tfisser kull żvilupp li jinkludi jew li hu intenzjonat li jinkludi xogħol ta' kostruzzjoni*.' Sit ta' kostruzzjoni skont L. S. 424.36 '*tfisser kull sit ta' kostruzzjoni fejn jitwettqu xogħolijiet ta' bini jew ta' inġinerija ċivili, li lista mhux eżawrejenti tagħhom qed tingħata fl-Iskeda I.*'

Din l-Iskeda tinkludi s-segwenti xoghlijiet:

*1. Tħaffir*
*2. Xogħlijiet l-art*
*3. Bini*
*4. Armar u ħatt ta' elementi prefabrikati*
*5. Konverżjoni jew iffittjar*
*6. Alterazzjonijiet*
*7. Rinnovament jew restawr*
*8. Tiswijiet*
*9. Ħatt*
*10. Twaqqiegħ*
*11. Manutenzjoni fi stat tajjeb*
*12. Manutenzjoni - żebgħa u tindif*
*13. Drenaġġ*

**Mira Borg**[9] xehedet nhar l-20 ta' Lulju, 2023 fejn ikkonfermat illi hi marret fuq il-post ta' kostruzzjoni fl-20 t' Ottubru 2022. Hi qalet illi meta accediet ghas-sit ma kienx hemm *railing* fil-parti ta' fuq tal-blokka. Fil-31 ta' Otttubru, 2022 hija rceviet *email* bir-ritratti minghand l-imputat *qua* appellant fejn hu baghat ix-xoghol rimedjali li sar fis-sit, li juru li x-xoghlijiet rikjesti saru. Ikkonfermat li rceviet ukoll estratt tal-*health and safety plan*. In kontro-ezami meta mitluba tikkonferma jekk ircevietx ukoll Dokument

[9] Fol. 5 tal-process.

GS3 (email indirizzata lix-xhud b'*site report* tas-6 t'Ottubru 2022 anness) u GS4 (*site report* datat 22-10-2022) hija tghid li dawn id-dokumenti qatt ma rathom minkejja li gharfet l-indirizz elettroniku taghha. Ikkonfermat ukoll illi l-Prdni ta' Waqfien inharget minnha nhar il-21 t'Ottubru 2022[10] fejn intalab illi ma jitkompliex xoghol qabel ma jsiru x-xoghlijiet rimedjali, kif ukoll illi l-imputat *qua* appellant fi zmien 5 t'ijiem utili jaghmel kuntatt mal-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol sabiex issir laqgha.

Mill-provi prodotti inkluz mir-ritratti esebiti certament ma jistax jinghad illi x-xoghlijiet fis-sit kienu konkluzi. Anke jekk dakinhar tal-ispezzjoni ma kienx hemm haddiema fuq il-post jew forsi ghal xi perjodu x-xoghol kien wieqaf, madankollu ma jfissirx lanqas li s-sit ma baqax *'post tax-xoghol'*. Id--definizzjoni ta' *'post tax-xoghol'* skont Artikolu 2 ta' Kap. 424 jistipula s-segwenti:

> *'post tax-xogħol'; tfisser kull fond, lok, faċilità, bastiment jew post jew imkien ieħor, kemm jekk pubbliku jew privat, fejn isir xogħol jew li għalih il-ħaddiem ikollu aċċess waqt il-kors tal- impieg tiegħu u, mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, tinkludi vettura jew bastiment meta dak il- bastiment ikun ġewwa xi port f'Malta jew fl-ibħra interni jew territorjali ta' Malta, jew f'xi tarzna, port jew stallazzjoni simili f'Malta, minbarra bastiment tal-gwerra li jappartjeni lil xi stat barrani;*

Peress li huwa minnu li kien baqa' aktar xoghol xi jsir u li l-istess xoghol jaqa' taht Skeda I ta' L.S. 424. 36, allura ma jistax jinghad illi ghaliex ix-xoghol waqaf ghal xi zmien u possibilment dakinhar tal-20 ta' Ottubru, 2022 ma kienx hemm haddiema fuq il-post, allura s-sit in kwistjoni ma baqghetx post 'fejn isir xoghol'.

[10] Fol. 22 tal-process.

Illi f'dan l-istadju, u wara dak kollu sucitat, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza relattivament ricenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Orazio (Grazio) Vella[11]** fejn il-Qort tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*41. Issa filwaqt li l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta huwa t'indoli ġenerali u jimponi l-obbligi fuq min iħaddem mingħajr ma jidentifika b'mod preċiż x'inhuma dawk il-miżuri fl- ispeċifiku li jeħtieġ li jittieħdu, l-Avviż Legali 88 tal-2018, fis-Sezzjoni II Pari B tal-Raba' Skeda tagħha, u liema Avviż Legali kien daħal fis-seħħ fl-1 t'Awissu 2018, jindika b'mod eżwarjenti x'inhu dak it-tagħmir li jrid jintuża sabiex jiġu evitati waqgħat mill-għoli kif ukoll x'miżuri jridu jittieħdu għall-istess skop:*

*Waqgħat mill-għoli*

*5.1. Ix-xogħol fil-għoli għandu jiġu ppjanati sew u mwettqa fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tal-artikolu 6(2) tal-Att u r-regolament 10 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali għas-Saħħa u s- Sigurtà fuq il-Postijiet tax-Xogħol, (L.S. 424.18).*

*5.2. Fejn isir ix-xogħol fil-għoli, kull min iħaddem u, jew il- persuna impjegata għal rasha, għandhom jieħdu miżuri xierqa u suffiċjenti biex jipprevjenu kull persuna li taqa'distanza li tista' tikkawża dannu personali.*

*5.3. Fil-prinċipju, xogħol fil-għoli għandu jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi tal-protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta'sigurtà. Fejn bennieni huma wżati, dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-5 t 'April, 2022

*ekwivalenti. Jekk l-użu ta' tagħmir bħal dan ma jkunx possibbli minħabba n-natura tax-xogħol, għandhom jiġu pprovduti mezzi xierqa ta' aċċess u arneż tas-sigurtà jew metodi oħra ta' ankoraġġ għandhom jintużaw.*

***5.4 Ilqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġi mwaħħal madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali, jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskju mill-għarqa jew korriment serju. Ilqugħ prottetiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb usod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall iskopli huma użati.***[12]

Kif tajjeb kwotat fis-sentenza sucitata, fir-rigward il-waqghat mill-gholi l-appellat kellu jiehu l-mizuri necessarji skont il-ligi mhux sabiex jigu ssalvagwadjati l-haddiema biss izda kwalunkwe persuna, anke xerrejja prospettivi li setghu marru mieghu stess fuq il-post.

Il-liġijiet regolanti s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol iqiegħdu l-oneru tal-prova fuq l-imputat sabiex juri li għamel dak kollu raġjonevolment mistenni minnu sabiex jaderixxi ruħu mal-obbligi tiegħu naxxenti mill-Liġi[13] kuntrarjament ghal principju generali li hija l-proskeuzzjoni li trid tipprova il-kaz taghha:

*F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli,* ***ikun imiss lill-akkużat iġib prova,***[14] *skont il-każ, li ma kienx prattikabbli jew li ma*

[12] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti
[13] Regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018
[14] Enfasi ta 'din l-Onorabbli Qorti

*kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit.*

**Anthony Grech**[15] xehed fl-20 ta' Lulju 2023 fejn ikkonferma illi huwa l-izviluppatur tal-plot fi Triq Albert Caruana kantuniera ma' Triq San Pietru gewwa l-Gharb, Ghawdex. Huwa identifika lill-imputat *qua* appellant bhala l-persuna li huwa inkariga sabiex jiehu hsieb is-sahha u s-sigurtà fuq is-sit.

Fl-20 ta' Lulju 2023 xhed ukoll l-imputat *qua* appellant **Peter Micallef**[16] li spjega illi huwa baghat r-rapporti mmarkati GS3 u GS4 lill-Awtorità. Huwa spjega li fir-rapport tas-6 t'Ottubru 2022 huwa gibed l-attenzjoni kemm ta' Anthony Grech kif ukoll ta' E. Construction Ltd illi "*kien hemm xi ftit railing nieqes, parti minhom u parti minnhom il-mid rail, ghax irid ikun hemm tnejn, u gibt l-attenzjoni illi jridu jigu improved jew installed, installed jew improved, fejn hemm nieqes jigu installed, fejn hemm bicca nieqsa, improved.*" In kontroezami huwa ikkonferma illi ghamel *remedial works report*, li juri li saru x-xoghlijiet rimedjali bejn id-data tas-site visit tieghu u tal-ispezzjoni mill-Awtorità tas-Sahha u s-Sigurtà. Jghid ukoll illi ghamel kommunikazzjoni telefonika mal-kijent fejn gibed l-attenzjoni ta' dawn in-nuqqasijiet.

Filwaqt illi s-*supervisor* tal-proġett għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kif jitlob r-regolament 6 tal-Avviż Legali 88 tal-2018, r-regolament 5 tal-istess Avviż Legali jiddetermina x'inhuma d-dmirijiet tal-istess u jinkludi illi:

*(1) Is-supervisor tal-proġett għandu ukoll:*

---

[15] Regolament 15 ta 'Ligi Sussidjarja 424.36
[16] Fol. 81 tal-process.

*(d) jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti sabiex jassiguraw li min jimpjega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għall-rashom:*

*(i) japplika l-prinċipji msemmija fir regolament 9 f'manjiera konsistenti;*

*(ii) meta meħtieġa, isegwi l-pjan tas saħħa u sigurtà msemmi fis-subregolament (4) tar-regolament 5;*

*(e) jagħmel, jew jikkawża li jsiru, kull aġġustamenti meħtieġa għal-pjan tas-saħħa u s-sigurtà msemmi fis- subregolament (4) tar-regolament 5 u l- file msemmi fis-subregolament (4) tar-regolament 5 li jieħu kont tal-progress tax-xogħol u kull bidliet li seħħew;*

*(g) kkoordina arranġamenti sabiex jikkontrolla li l-proċeduri tal-ħidma qed ji ġu implimentati b'mod korrett;*

Mill-provi migjuba jidher biċ-ċar illi l-*project supervisor* kien ben konsapevoli tan-nuqqasijiet fl-ilqugh protettiv u minkejja li gab dan a konjizzjoni tal-klijent fis-6 t'Ottubru 2022, ghall-erbatax-il jum shah, u cioè sad-data tal-ispezzjoni mill-uffijcali tal-Awtorità ix-xoghlijiet rimedjali kienu ghadhom ma sarux. Din il-Qorti tabbracca dak illi qalet l-Ewwel Qorti li huwa ampjament car illi la s-sid u lanqas il-kuntrattur ma agixxew b'effett immedjat sabiex dawn in-nuqqasijiet identifikati jigu indirizzati. Tant illi kif jikkonferma l-appellant stess permezz tad-dokumentazzjoni kien biss fl-ispezzjoni tieghu tal-22 ta' Ottubru illi dawn jirrizultaw li sehhew. Minkejja li fix-xhieda tieghu ghid li huwa ghamel kuntatt telefoniku mal-klijent, l-imputat jonqos li jgib prova ta' meta sehhet tali kommunikazzjoni imqar permezz ta' *call log*. Huwa kellu accerta ruhu li n-nuqqasijiet li nstabu jigu indirizzati, kif sar **wara** l-ispezzjoni tal-ufficjal tal-Awtorità.

*Detto cio*, meta l-klijent jaħtar *supervisor* tal-proġett biex jaqdi d-dmirijiet riferiti fir-regolament 5, dan ma jehlisx lill-klijent mir-responsabbilitajiet tiegħu f'dak ir-rigward.

Kienet fir-responsabilita' ukoll tal-klijent li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.[17] Ghaldaqstant, huwa ghal kollox deplorabbli u zgur ma hix accettabbli illi l-klijent Anthony Grech fix-xhieda tieghu jaghmel dikjarazzjonijiet bhal "*ghandi hafna affarijiet, ma nkunx naf x'inhu jigri kollox*"[18], "*jien qed nghidlek il-bennej jiehu hsieb ix-xoghol hu, mhux jien*"[19], "*jien lili ghalxejn tibghatli, ghalxejn tibghatu.*"[20] Lanqas ma huwa dan ix-xhud kredibbli f'li jghid li ma jiftakarx, meta dawn l-obbligi huma imposti fuqu mill-ligi.

Ghalhekk ghamlet sewwa l-ewwel qorti meta iddikjarat lill-appellant hati tal-ewwel akkuza u u t-tieni  akkuza u ghalhekk l-aggravju tal-appellant f'dan ir-rigward qed jigi respint.

Ikkunsidrat;

Il-pern tat-**tieni** aggravju fir-rigward it-tielet akkuza  huwa li l-Ordni mahruga mill-Awtorità ma ssegwix id-dettami ai termini ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn huma proċeduri penali u mhux proċeduri amministrattivi. Għalhekk il-liġijiet li huma applikabbli u l-interpretazzjoni li trid tingħata hija dik pertinenti għall-eżerċizzju tad-dritt penali.

L-appellant ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati talli kiser id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta 'Malta. Dan l-artikolu jaqra hekk:

> *(1) Uffiċjal jista' jagħti ordni, verbalment jew bil-miktub, biex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u kull persuna għandha tobdi dan l-ordni minnufih sakemm ma jiġix revokat minn uffiċjal jew mill-Bord ta' Appelli:*

---

[17] Regolament 8 tal-Avviz Legali 88 tal-2018.
[18] Fol. 77 tal-process.
[19] Fol. 78 tal-process.
[20] Fol. 78 tal-process.

*Iżda persuna li tirċievi ordni, kemm jekk dik il-persuna tkun ħaddiem jew min iħaddem, tista' tiddefendi ruħha mill-akkuża li tkun kisret l-ordni jekk tipprova li kieku ikkonformat ruħha ma'dak l-ordni kien ikun ta' detriment immedjat għas-saħħa u għas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol:*

*Iżda wkoll kull ordni li jingħata verbalment għandu jiġi konfermat bilmiktub u mwassal għand il-persuna li lilha jkun mogħti fi żmien tliet ijiem tax-xogħol.*

*(2) (a) Uffiċjal jista' jordna li post tax-xogħol jiġi mbarrat, u jista' jirrevoka ordni bħal dak.*
*(b) Meta post tax-xogħol jew parti minnu jiġi mbarrat, ebda persuna ma tista' tidħol fl-area imbarrata mingħajr il-permess ta' uffiċjal.*

*(3) Meta uffiċjal jagħmel ordni bil-miktub skont dan l-artikolu, jista' jwaħħal kopja tiegħu fil-post tax-xogħol, jew fuq kull apparat, makkinarju, tagħmir, ħwejjeġ jew ħaġa, u ebda persuna ħlief uffiċjal ma għandha taqla din il-kopja sakemm ma tkunx awtorizzata minn xi uffiċjal biex tagħmel hekk.*

*(4) Meta uffiċjal jagħmel ordni bil-miktub skont dan l-artikolu, jew jagħti rapport tal-ispezzjoni lil min iħaddem jew lil persuna li tkun inkarigata mix-xogħol, min iħaddem jew il-persuna inkarigata mix-xogħol għandhom minnufih jaraw li kopja jew kopji tiegħu jiġu mwaħħla f'post jew f'postijiet fejn jidher fil-post tax- xogħol, fejn x'aktarx jiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiema.*

*(5) Uffiċjal ma jkunx meħtieġ li jisma jew jagħti l-opportunità lil min iħaddem, ħaddiem jew persuna oħra li jagħtu l-opinjoni tagħhom qabel ma jagħmel ordni.*

Dan l-artikolu jitkellem fuq is-setgħa tal-Uffiċjal li jagħti ordnijiet bil-fomm jew bil-miktub biex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u fuq l-obbligu ta' kull persuna li tkun mogħtija tali ordni li tobdi dan l-ordni minnufih sakemm dan

l-ordni ma jiġix revokat minn Uffiċjal jew mill-Bord ta' Appelli. Biex ir-reat jitqies integrat, il-Prosekuzzjoni riedet tipprova mhux biss il-ksur da parti tal-imputat iżda wkoll li l-proċedura li setgħet twassal biex dak il-ksur jiġi ritenut reat tkun ġiet segwita fit-termini li l-Liġi stess issemmi b'mod tassattiv.

Ladarba l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat appellant bir-reat li jitnissel mill-ksur tal-istess artikolu, hija kienet ukoll obbligata li tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, mhux biss li l-imputat appellant kiser l-obbligi naxxenti mill-artikolu 17 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda wkoll li l-Awtorita innifisha segwiet il-proċedura li kellha tiġi segwita relattivament għall-ħruġ ta' tali Ordni, li imbagħad l-imputat appellant ġie mixli li ma segwiex.

L-osservanza ta' dik il-proċedura stabbilita fl-artikolu 17 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta għalhekk issir importanti ħafna għas-salvagwardja tad-Dritt. Mill-provi prodotti jirriżulta li minkejja illi Dok MB6[21] juri korrispondenza bejn info@pmsafety.com.mt u l-Ufficjal Mira Borg iffirmata mill-appellant, kif jikkonferma ukoll fix-xhieda tieghu liema indirizz elettroniku huwa ukoll indikat f'Dok MB4[22], xejn ma jindika illi Dok MB5[23] u cioè l-*stop order* giet mibghuta mill-Ufficjal fuq l-istess indirizz elettroniku indikat. L-indikazzjoni fid-dokument bhala 'Info PM Safety' m'huwiex ta' prova sodisfacenti bizzejjed sabiex din il-Qorti tkun konvinta 'l hinn minn kull dubju illi l-appellant kien debitament notifikat, minkejja li l-korrispondenza hija indirizzata lis-Sur Peter Micallef i.e. l-imputat *qua* appellant. Lanqas ma gie pruvat illi gew notifikati l-kuntrattur u l-klijent fl-indirizz elettroniku li jidher kemm fuq il-parti tas-Sezzjoni A kif ukoll B tal-*Construction Notification Form.*

Matul il-produzzjoni tax-xiehda tagħha il-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi kopja tal-irċevuta tal-istess korrispondenza li turi meta din intbagħtet mill-Awtorità, jew meta ġiet notifikata lill-apellant, skont kif trid il-Liġi.

[21] Fol. 24 tal-process.
[22] Fol. 21 tal-process.
[23] Fol. 22 tal-proces.

Din il-prova hija nieqsa u għalhekk din il-Qorti ma tistax serenament tgħid li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment, raġonevolment u serenement tqis li l-elementi kollha li jsawru l-ksur tal-artikolu 17 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta u li huma l-bażi tal-azzjoni kriminali u l-eventwali sejbien ta' ħtija fl-imputat appellant ġew soddisfaċentement ippruvati.

Ghalhekk hija tal-fehma li l-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti fir-rigward tat-tielet akkuza ma kienx wiehed *safe and satisfactory* fic-cirkostanzi u ghalhekk qeda tilqa' it-tieni aggravju tal-appellant u tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' din it-tieni akkuza

Illi jinghad li l-appellant ma talab l-ebda modifika fil-piena cio nonnostante pero la din l-Onorabbli qorti qed tiddikajra lill-appellant mhux hati tat-tielet akkzua kuntrarjament ghas-sejba tahtija mill-ewwel qorti f'dan ir-rigward hija ghandha timmodifika l-piena u dan stante li kuntrarjament gha dak li sabet l-ewwel qorti din l-Onorabbli Qorti qed issibu hati biss fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni akkuza u konsegwentement qed tikkundannah is-somma ta elfejn euro Multa ( €2,000) oltre dan qed tilqa' l-aggravju tal-appellant fir-rigward tat-tielet akkuza u qeda ghalhekk tiddikjarah mhux hati taghha u tiliberah minn kul imputazzjoni u piena f'dan ir-rigward.

Dr Consulo Scerri Herrera
Onor Imhallef